**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 1292/2011 AF**

**YMCA Valletta VO/028**

**vs**

**Is-Segretarju Permanenti, Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali u fil-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ottubru 2015, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni fl-okkju li minflok ghandu jaqra Segretarju Permanenti, Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-organizzazzjoni attriċi YMCA Valletta, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Kien intlahaq u gie ffirmat ftehim datat l-ewwel ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (01.01.2009) bejn l-attrici u s-Segretarju Permanenti ghan-nom u in rapprezentanza tal-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali. Dan il-ftehim huwa annesa bhala Dokument A.

Fost affarijiet ohra il-ftehim jistipula illi, wara li jkun sar l-*initial payment*, ghandu jsir hlas lill-attrici, ghas-servizzi moghtija minnha, permezz ta' pagamenti mensili ta' sebat elf, tmien mija u hmistax-il Ewro u tmien centezmi (EUR 7,815.08), eskluza it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Permezz ta' fost affarijiet ohra, *e-mail* datata it-tletin ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (30.10.2009), l-attrici, in konformità ma dak dispost mill-istess ftehim, informat bil-miktub lill-konvenut illi hija kella x-xewqa li testendi l-ftehim (skond kif jipprovdi t-test tal-ftehim stess) ghal sena ohra ghal tul is-sena 2010 (Dokument B). Ma kien hemm ebda opposizzjoni mill-konvenut u ghalhekk u skond ma jiddisponi l-istess ftehim, id-durata tal-ftehim giet estiza ghal dena ohra mill-iskadenza originali taghha, li kienet l-ahhar tas-sena elfejn u disgha (2009), sal-ahhar tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

In vista ta' tali estensjoni, l-attrici kompliet twettaq is-servizzi taghha kif pattwit ghal tul is-sena kollha elfejn u ghaxra (2010), izda l-konvenut ma ghamel ebda hlasijiet.

Kif inghad, il-ftehim kien jipprevidi illi wara hlas inizjali, kellu jkun hemm pagamenti mensili fl-ammont ta' sebat elef, tmien mija u hmistax-il Ewro u tmien centezmi (EUR 7,815.08), eskluza t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

L-attrici harget fatturi lill-konvenut ghax-xhur kollha tas-sena elfejn u ghaxra, fit-total komplessiv ta' mija u ghaxart elef, sitt mija u wiehed u sittin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (EUR

110,661.48), komposta minn sebat elef, tmien mija u hmistax-il Ewro u tmien centezmi (EUR 7,815.08) ghal kull xahar tal-istess sena (b'total ta' tlieta u disghin elf, seba' mija u tmenin Ewro u sitta u disghin centezmu – EUR 93,780.96), u elf, erba' mija u sitt Ewro u wiehed u sebghin centezmu (EUR 1,406,71) Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess ammont ghal kull xahar (b'total ta' sittax-il elf, tmien mija u tmenin Ewro u tnejn u hamsin centezmu – EUR 16,880.52).

Il-konvenut baqa' ghal kollox inadempjenti, u, waqt li l-ewwel ma qal assolutament xejn, eventwalment kien beda jirreklama dwar is-servizzi rezi, jinnega l-fatt illi l-ftehim kien gie estiz, jinventa hafna pretensjonijiet infondati, u jghid illi l-ftehim kien ghadu fid-deskrizzjoni tieghu jekk ghandux jigi estiz jew le.

F'ittra datat id-disgha ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (09.08.2010), imma mghoddija lill-attrici biss fit-tlettax ta' Settembru tal-istess sena (Dokument C), il-konvenut jghid illi *for an extension of the Service Contract Agreement, which expired in December 2009, to be considered, we require that your provide us with this information within 15 days from receipt of this letter*.

L-attrici wiegbet ghal din l-ittra permezz ta' ittra datata l-25 ta' Settembru, 2010 (Dokument D) fejn fakkret illi dak li kien qieghed jghid il-konvenut ma kienx minnu u li l-ftehim kien digà gie estiz sal-ahhar tas-sena 2010.

Però, minkejja l-ittri legali datati l-14 ta' Novembru, 2010 (Dokument E) u d-19 ta' Jannar, 2011 (Dokument F), kif ukoll l-ittra ufficjali datata t-12 ta' Mejju, 2011 (Dokument G) u interpellazzjonijiet ohra, l-ammonti fuq imsemmija ghandhom dovuti lill-attrici fl-intier taghhom.

L-attrici ippruvat issolvi l-kwistjoni wkoll amikevolment f'laqgha bla pregudizzju illi sehhet fis-26 ta' Jannar 2011, imma l-kwistjoni spiccat biex ma ssolvietx.

Ghalhekk ma kienx hemm triq ohra ghall-attrici hlief dik illi tipprezenta din il-kawza sabiex tiehu dak illi jisthoqqilha skond kif mifitehem u skond il-ligi.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

L-esponenti jaf dawn il-fatti personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenut Segretarju Permaneti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali huwa debitur tal-attrici fis-somma ta' mija u ghaxart elef, sitt mija u wiehed u sittin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (EUR 110,661.48) rapprezentanti ammonti mensili flimkien ma' Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovuti ghas-sena elfejn u ghaxra (2010) mill-konvenut lill-attrici skond il-ftehim datat l-ewwel ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (01.01.2009).

2. Tikkundanna lill-istess konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u ghaxart elef, sitt mija u wiehed u sittin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (EUR 110,661.48).

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tat-tnax ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (12.05.2011), kif ukoll dawk tal-ittri legali mibghuta lill-konvenuta, u bl-imghax skond il-ligi kkalkolat minn kull data rispettiva meta l-ammonti mitlubin saru dovuti, kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt in subizzjoni,.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Segretarju Permanenti, Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

L-eċċippjenti jirriġetta t-talbiet magħmula mir-rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li kienet l-istess rikorrenti li m'onoratx l-obbligi kuntrattwali minnha assunti u għalhekk m'għandux iwieġeb għall-pretensjonijiet vantati u għat-talbiet imressqa mill-istess attriċi.

Għalkemm il-ftehim bejn il-partijiet seta' jiġġedded, din il-fakoltà li ngħatat lill-partijiet kienet suġġetta għal kundizzjoni

bażilari fl-istess kuntratt, ċioè fuq il-bażi ta' *'satisfactory performance'* u ladarba għemil l-attriċi ma kienx in adempiment tal-obbligi kuntrattwali tagħha, l-esponenti qatt ma seta' jġedded l-imsemmi kuntratt.

L-istess nuqqasijiet tar-rikorrenti kkawżaw danni nġenti lill-esponenti kif ser jirriżultaw waqt is-smigħ tal-kawża u li għalihom l-eċċipjenti qiegħed iressaq il-kontro-talba opportuna.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attriċi, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Mejju, 2011.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat il-kontro-talba tal-intimat li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

Permezz ta' kuntratt datat l-1 ta' Jannar, 2009, l-attriċi daħlet f'kuntratt mal-intimat li permezz tiegħu hija kellha twettaq lista ta' xogħolijiet hekk kif elenkati taħt l-ewwel u t-tieni paġni tal-kuntratt taħt it-titolu *"Terms of Reference"*, versu ħlasijiet mensili.

Matul il-kuntratt, l-attriċi naqset milli tesegwixxi l-obbligi tagħha naxxenti mill-kuntratt u milli twettaq ix-xogħol kollu li kien pattwit u li fuq kollox jirriżultaw bħala l-obbligi tagħha mill-istess kuntratt, filwaqt li partiti oħra tax-xogħol li twettqu minnha huma ta' kwalità inferjuri u dan bi ksur ċar tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

Minkejja diversi laqgħat u korrispondenza bil-għan li jintlaħaq ftehim u minkejja diversi wegħdiet da parti ta ' l-attriċi, din baqgħet inadempjenti.

Minkejja li l-Periti tekniċi impjegati mal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali spjegaw lill-attriċi diversi drabi dwar il-ħtieġa li jingħataw ix-xogħol u dwar il-livell fil-kwalità tax-xogħol meħtieġ u minkejja l-wegħdiet magħmula da parti tal-YMCA, din baqgħet inadempjenti.

Peress illi l-attriċi aġixxiet doložament jew b'negligenza grossolana meta hija naqset milli teżegwixxi x-xogħol miftiehem, filwaqt li għamlet xogħol li ma kienx tal-kwalità rikjesta u pattwita, kif ukoll wettqet ix-xogħol bi traskuraġni, liema xogħlijiet, minħabba l-aġir ta' l-attriċi, għadhom ma tlestewx sal-lum.

Peress illi l-aġir tar-rikorrenti jikkostitwixxi ksur ċar tal-kundizzjonjiet tal-kuntratt u f'arrikkiment favur tagħha, għad-dannu ta' l-intimat.

Peress li l-attriċi kkaġunat lill-Ministeru konċernat, danni nġenti konsistenti fl-ammonti kbar ta' flus imħallsa *in buona fede* minnu s'issa u li għalihom l-intimat m'għandux l-ekwivalenti f'xogħol imwettaq, oltre spejjeż oħra li għad iridu jiġu nkorsi, kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-attriċi responsabbli għad-danni sofferti mill-intimat konsegwenza tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt datat l-1 ta' Jannar, 2009, da parti ta' l-istess attriċi.

2. Tillikwida, okkorendo b'nomina ta' perit, d-danni sofferti msemmija fl-ewwel talba a kawża tal-aġir ta' l-attriċi; u

3. Tikkundanna lill-attriċi sabiex tħallas lill-intimat, is-somma ta' danni hekk likwidata.

Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Mejju, 2011, u bl-imgħaxijiet legali skond il-liġi, kontra l-attriċi, li c-*Chairman* tagħha huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-organizzazzjoni attriċi YMCA Valletta rikonvenzjonata għat-talbiet rikonvenzjonali tas-Segretarju Permanenti intimat li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament, in-nullità tal-kontro-talba ghaliex ma hijiex konformi mas-subartikolu 156(1)(d) tal-Kap. XII, ossia hija nieqsa minn partikolarità essenzjali espressament mehtiega mill-ligi, liema nuqqas ma jistax jissewwa taht disposizzjoni ohra tal-ligi.

Fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost,

It-talbiet tal-konvenut rikonvenjenti ghandhom jincahdu bl-ispejjez kontrih ghaliex huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

L-attrici ma kkawzat ebda danni lill-intimati ghaliex ma kisret bl-ebda mod il-ftehim datat l-1 ta' Jannar, 2009.

Isegwi illi ghalhekk ma hemm ebda danni sofferti mill-konvenut u ghalhekk ma hemm xejn li ghandu jigi illikwidat favur il-konvenut.

Isegwi ghalhekk ukoll illi l-attrici ma ghandha tigi kkundannata thallas ebda somma ta' danni lill-intimat ghaliex xejn ma huwa dovut.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat is-sentenza preliminari tas-16 ta' Ottubru 2013 li permezz tagħha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-attriċi rikonvenzjonata u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija kawża dwar ksur ta' obbligi kuntrattwali. Mill-provi prodotti jirriżulta li permezz ta' kuntratt datat 1 ta' Jannar 2009, il-partijiet kienu ftehmu li l-attriċi tqabbad '*3D designer*' sabiex jaħdem fuq il-proġett magħruf

bħala '*Old Valletta Project*'. L-intimat, li deher fuq il-kuntratt għan-nom u in rappreżentanza tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, illum Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura, intrabat illi jiffinanzja wkoll xogħol ieħor relatat mal-'*online archive*' u ċioè '*website*' u '*server*'. Fi ftit kliem, jidher li l-attriċi kellha tieħu ħsieb tipprepara *3D renderings* ta' diversi binjiet importanti tal-Belt Valletta u xogħlijiet oħra anċillari bħal per eżempju *Computer Aided Design drawings* (magħrufa bħala *CAD drawings*).

Skont ma kien jipprovdi l-kuntratt, l-intimat ħallas lill-attriċi s-somma inizjali ta' €47,817.79 '*to cover equipment purchased, continuation of the project and the wage of the 3D designer for the first 5 months of 2009*' u sussegwentment pagamenti mensili ta' €7,815.08 eskluża t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud sa Diċembru tal-2009.

Dan il-kuntratt kellu jkun validu għal sena b'dan illi kien jistipula li:

> *"This agreement may be renewed for a further period of one year thereafter on the basis of satisfactory performance and at the discretion of the respective parties.*
>
> *Two months prior to the expiration of this agreement, the service provider shall inform in writing the permanent secretary, as to whether they desire to extend this agreement and the permanent secretary shall thereupon determine whether this agreement shall be extended for a further period of one year.*
>
> *Should any party not wish to renew the contract, then that party should give notice in writing to the other party to this effect, at least two months prior to the termination of the duration of the agreement current at the time."*

L-attriċi baqgħet toħroġ il-fatturi kull xahar għas-sena 2010 iżda l-intimat ma għamel l-ebda pagament. Hija tinsisti li meta skada l-kuntratt oriġinali fl-2009, dan ġie mġedded għas-sena 2010 peress illi ma rċeviet l-ebda pre avviż li l-intimat ma kellux intenzjoni li jġedded. Hija qiegħda għalhekk titlob is-

somma ta' €110,661.48 bħala ħlas għax-xogħlijiet illi saru fl-2010.

L-intimat jeċċepixxi fil-mertu li l-ftehim qatt ma seta' jiġi mġedded għaliex il-kwalità tax-xogħol illi għamlet l-attriċi fis-sena 2009 ma kienx sodisfaċenti. Jeċċepixxi wkoll illi dawn in-nuqqasijiet ikkawżawlu danni. Huwa għalhekk għamel kontro talba għad-danni. L-intimat preżenta rapport tal-periti Claude Borg u Norbert Gatt. Il-konklużjoni tagħhom hija li l-kwalità tax-xogħol li għamlet l-attriċi taħt il-kuntratt ma kien sodisfaċenti xejn b'dan illi kkalkolaw li sar biss madwar 25% tax-xogħol li kellu jsir u xejn minnu ma kien utilizzabbli. L-attriċi rikonvenzjonanta eċċepiet illi ma kkawżat l-ebda danni.

Mill-atti tirriżulta s-segwenti korrispondenza skambjata bejn il-partijiet fil-kawża:

- *E-mail* tat-30 ta' Ottubru 2009 fejn Jean Paul Mifsud għall-attriċi pprovda informazzjoni dwar il-proġett u għamel aċċenn għal presentazzjoni li kellha ssir ftit tal-ġranet wara. Qallu wkoll illi l-attriċi xtaqet iġġedded il-kuntratt. Mill-atti ma jirriżultax jekk din l-*e-mail* ġietx imwieġba.

- Skambju ta' *e-mails* tat-3 ta' Diċembru 2009 bejn il-Perit Claude Borg għall-Ministeru u Jean Paul Mifsud. Il-Perit talab lil Mifsud jgħaddilu informazzjoni dwar ix-xogħol li l-attriċi lestiet bħala parti mill-proġett sabiex huwa jkun f'posizzjoni jagħmel il-proposti tiegħu għat-tiġdid tal-kuntratt.

- *E-mail* tas-7 ta' Diċembru 2009 fejn Mifsud bagħat lill-Perit Borg '*database of all the work carried out so far and also the plan of works for the year 2010*.' Huwa rrefera wkoll għax-xogħol li ġie diskuss waqt laqgħa li kellu mal-Ministru.

- *E-mail* interna tas-17 ta' Marzu 2010 mingħand Oliver Lautier, *project manager* fi ħdan il-Ministeru. Huwa lmenta mal-Perit Borg, mal-intimat u ma oħrajn peress li l-proġett kien għadu lura. Din l-*e-mail* bagħatha lil Jean Paul Mifsud u spjegalu li kien hemm min qiegħed ikaxkar

saqajħ imma wegħdu li ser jieħu ħsieb isolvi l-problema hu. Wara li Mifsud irrispondih u qallu li kien hemm ukoll problema bil-pagament, Lautier wieġbu hekk, *'ġlieda oħra. Halli f'idi.'*

- *E-mail* tad-9 ta' Ġunju 2010 fejn Maria Sammut, għall-attriċi, bagħtet fattura lis-sezzjoni tal-finanzi tal-Ministeru. Għal din l-*e-mail* wieġeb l-intimat billi qalilha li x-xogħol kollu li sar dik is-sena ma kienx kopert b'kuntratt. Huwa talab li x-xogħol kollu relatat ma dan il-proġett jiġi sospiż sakemm il-partijiet jaslu għall-ftehim. Mifsud wieġeb lill-intimat billi wera s-sorpriża tiegħu għall-kontenut ta' din l-*e-mail*, peress li l-kuntratt kien fil-fatt ġie mġedded, u talab li tissejjaħ laqgħa urġenti.

- *E-mail* tal-4 ta' Lulju 2010 fejn Sammut għal darb'oħra bagħtet fattura lis-sezjoni tal-Finanzi tal-Ministeru. L-intimat wieġeb billi fakkarha li sa mill-bidu tas-sena l-partijiet ma setgħux isibu soluzjoni għall-kwistjonijiet ta' bejniethom. Irrefera għal laqgħa li l-attriċi kellha riċentement mal-Ministru u talabha tieqaf tibgħat il-fatturi għaliex il-pagamenti ma kienux approvati mill-Ministeru tal-Finanzi. Huwa ssuġerixxa li minflok, l-attriċi tieħu ħsieb tipprovdi l-informazzjoni li kienet ilha li ġiet mitluba tagħti sabiex il-proġett ikun jista' jkompli.

- Ittra datata 9 ta' Awwissu 2010 li permezz tagħha l-intimat talab lil Mifsud jaghtih informazzjoni dwar kif intużat is-somma inizjali li tħallset l-attriċi skont il-kuntratt kif ukoll kopja tad-*data* diġitali li ġabret l-attriċi. F'din l-ittra, l-intimat infurmah ukoll illi t-talba għat-tiġdid tal-kuntratt (li skada fis-sena ta' qabel) setgħet tiġi kunsidrata biss jekk l-attriċi tibgħat dak kollu mitlub fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tirċievi dik l-ittra.

- Ittra risponsiva tal-25 ta' Settembru 2010 fejn Mifsud wieġeb lill-intimat billi infurmah li d-dokumentazzjoni mitluba kienet fil-fatt intbagħtet f'Jannar ta' dik is-sena kif ukoll li l-attriċi kienet qiegħda tirriġetta l-argument tal-intimat li l-kuntratt ma ġiex imġedded. Żied jgħidlu wkoll

li l-materjal u *data* kienu fil-fatt ġew mgħoddija perjodikament lil persuni fil-Ministeru.

- *E-mail* tal-intimat tas-16 ta' Diċembru 2010 b'risposta għall-fattura li bagħtet l-attriċi. Huwa ta struzzjonijiet biex ma jitħallas xejn għaliex '*Dan il-proġett mingħajr l-approvals necessarji. Qed isir xogħol intern li qabel jitlesta żgur ma nistgħux inkomplu.*'

- *E-mail* tat-8 ta' Frar 2011 mingħand il-Perit Norbert Gatt indirizzata lill-intimat fejn irrefera għal-laqgħa li kellu (flimkien mal-periti l-oħra tal-Gvern) mal-attriċi. Skont il-kuntenut ta' din l-*e-mail*, fl-imsemmija laqgħa ddiskutew x'qegħdin jippretendu mill-proġett u infurmah li l-attriċi ntrabtet li tipprovdi rendikont tax-xogħol kollu li għamlet fis-snin 2009 u 2010.

Is-segwenti fatti saljenti jirriżultaw mid-dokument a fol. 125-128 tal-proċess, anness mal-affidavit tal-Perit Borg:

- Il-kuntratt kien approvat mill-Gvern bħala *direct order;*

- Il-kuntratt kien fil-fatt iffirmat f'Mejju 2009 imma *backdated* għall-1 ta' Jannar;

- Wara presentazzjoni li għamlet l-attriċi lill-Ministru lejn l-aħħar tas-sena 2009, il-Perit Borg ingħata struzzjonijiet sabiex ilesti abbozz tal-kuntratt għas-sena 2010.

Stabbilit dan kollu, mhux kontestat illi l-attriċi ma kellha l-ebda konferma bil-miktub mingħand l-intimat illi l-kuntratt kien ser jiġi mġedded. Madanakollu, mill-mod kif żvolġiet l-istorja li wasslet għall-kwistjoni tal-lum, il-Qorti ma tistax taqbel mat-teżi tal-intimat illi r-relazzjoni tal-partijiet ma kienitx regolata minn kuntratt wara l-31 ta' Diċembru 2009.

Mill-atti rriżulta li għall-ewwel xhur tal-2010, l-attriċi baqgħet taħdem fuq il-proġett, kienet in komunikazzjoni ma rappreżentanti tal-Ministeru u kienet tibgħat fatturi lill-Ministeru, li għalkemm ma kienux jitħallsu, lanqas qatt ma ntbagħtu lura għaliex il-kuntratt kien spiċċa. Jidher li kien biss

f'Ġunju tal-2010 li l-intimat ġibed l-attenzjoni tal-attriċi li kuntratt bil-miktub ma kienx hemm imma laqgħat bejn l-attriċi u l-periti tal-Gvern baqgħu iseħħu sal-bidu tal-2011. Il-Qorti ma tistax ma tistaqsix kif l-attriċi tħalliet tkompli taħdem għal-xhur sħaħ mingħajr ħadd min naħa tal-Gvern ma jwaqqafha milli tkompli fuq il-proġett jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li l-ftehim jiġġedded għas-sena sussegwenti?

Huwa minnu li l-attriċi ma kienitx qiegħda titħallas, imma wieħed jinnota illi l-ewwel kuntratt sar *backdated* u permezz ta' *direct order* u allura, wisq probabbli, għall-attriċi ma kienitx xi ħaġa ta' barra minn hawn li l-pagamenti ma kienux deħlin regolari. Fuq kollox, l-intimat ma kkontestax ix-xhieda ta' Jean Paul Mifsud meta xehed illi wara l-presentazzjoni lill-Ministru f'Novembru tal-2009, id-direzzjoni li ngħata kienet sabiex jibqgħu għaddejjin bil-proġett.

Il-Qorti ma tistax ma tagħtix piż lix-xhud Oliver Lautier, li kien *project manager* fi ħdan il-Ministeru. Dan ix-xhud xehed ċar u tond illi l-attriċi ħadmet fuq il-proġett fuq medda ta' sentejn iżda tħallset biss ta' sena. L-istess xhud iddepona wkoll illi għalkemm huwa ma kienx involut fl-aspetti legali jew tekniċi tal-proġett, fl-opinjoni tiegħu, ix-xogħol kien ta' kwalità tajba.

A tenur tal-artikolu 1003 tal-Kap. 16, meta kliem il-kuntratt mhuwiex ċar, il-ġudikant irid iħares lejn l-intenzjoni tal-partijiet. F'dan il-każ, huwa ċar li minkejja dak li jgħid il-kuntratt, l-intenzjoni kienet li l-kuntratt jiġġedded.

Stabbilit illi r-relazzjoni tal-partijiet kienet tassew regolata minn xi forma ta' kuntratt għas-sena 2010, imiss issa li jiġu kkunsidrati t-talbiet attriċi għall-ħlas, kif ukoll il-kontro-talba għad-danni, konsistenti fir-rifużjoni tal-pagamenti li għamel l-intimat għas-sena 2009.

Wara li ħasbet fit-tul dwar il-kwistjoni u fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti, il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ebda parti f'din il-kawża m'għandha raġun fil-pretensjonijiet tagħha.

L-organizzazzjoni attriċi m'għandha l-ebda dritt tirreklama ħlas għall-kwalunkwe xogħol illi sar fl-2010 u ċertament mhux l-istess somma flus illi tħallset fl-2009 għaliex:

- Mill-atti ma rriżultax liema xogħol sar fl-2009 u liema xogħol fil-fatt sar fl-2010;

- F'Ġunju tal-2010 l-attriċi ngħatat struzzjonijiet ċari mingħand l-intimat sabiex tissospendi x-xogħlijiet kollha. Jekk, bit-tama li tinstab soluzzjoni, dan m'għamlitux mill-aktar fis, ma tistax ħlief tlum lilha nfisha;

- Parti mis-somma inizjali li tħallset għas-sena 2009 kienet intiża sabiex l-attriċi tinvesti f'ċertu apparat. X'kien dan l-apparat u nxtarax apparat fis-sena 2010 ma jirriżultax mill-atti, kif lanqas ma jirriżulta kemm mis-somma globali li rċeviet fis-sena 2009, l-attriċi użat biex ħallset lill-*graphic designer* inkarigat. Fil-fatt, il-Qorti hija konvinta li l-attriċi naqset milli tipprovdi ħafna mill-informazzjoni li talbuha l-periti tal-Gvern;

- L-attriċi ma ressqet l-ebda prova li x-xogħol in kwistjoni kien utilizzabbli tenut kont tal-fatt illi ma kienx komplut.

Minn naħa l-oħra, fil-fehma tal-Qorti, l-intimat naqas milli jikkonvinċiha li l-attriċi għandha tirrifondi l-pagamenti kollha li rċeviet għas-sena 2009. Kien biss lejn nofs is-sena 2010 u meta qamet il-kwistjoni bejn il-partijiet li l-periti tal-Gvern bdew jallegaw li x-xogħol ma kienx ta' kwalità tajba. L-*e-mail* tal-Perit Borg tat-3 ta' Diċembru 2009 hija biss talba għal aktar informazzjoni sabiex ikun f'posizzjoni jiġġustifika t-tiġdid tal-kuntratt għas-sena sussegwenti. Fil-fatt, mhux kontestat illi l-Ministru kien kuntent bil-presentazzjoni li għamlet l-attriċi f'Novembru tal-2009. Lanqas ma huwa kontestat illi l-attriċi baqgħet titħallas sal-aħħar tas-sena 2009 mingħajr ma l-intimat qatt ressaq ilment dwar il-kwalità tax-xogħol.

Il-Perit Claude Borg xehed illi għal ewwel sitt xhur, jiġifieri 2009 kollu, ma ġiex mitlub jawtorizza pagamenti għaliex il-fatturi kienu qegħdin imorru direttament għand id-Direttur tal-Finanzi. Kien biss fis-sena 2010 li beda jintalab japprova

pagamenti imma ma riedx għax ma kienx kuntent bix-xogħol u ma riedx iħallas qabel ikollu riżultati f'idejh.

Fl-affidavit addizzjonali tiegħu, il-Perit Gatt stqarr illi x-xogħol ma kienx utilizzabbli biss għaliex ma kienx komplut. Il-Qorti ma tistax ma tistaqsix kif il-Gvern jista' jilmenta li x-xogħol ma kienx komplut meta kien huwa stess illi waqqaf lill-attriċi milli tkompli taħdem?

Fuq kollox, ma jirrizultax illi l-attrici tgawdi minn esperjenza fil-qasam tad-disinn grafiku jew imqar tal-istorja tal-Belt Valletta, imma jidher li dan il-proġett kien maħsub biss biex jiġġenera aktar fondi għall-attriċi li huwa pubblikament magħruf li hija organizzazzjoni li tgħin lin-nies li jsibu ruħhom mingħajr saqaf fuq rashom.

Il-liġi tagħna hija mibnija fuq il-*buona fede,* u a tenur tal-artikolu 993 tal-Kap. 16, il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-*buona fede* u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwita, bl-użu jew bil-liġi.

Finalment, il-Qorti ser tesprimi l-ħsieb tagħha dwar il-mod kif sar il-kuntratt mertu tal-kawża. Huwa ċar illi l-ftehim in kwistjoni huwa nieqes mid-dettal u termini ta' riferenza li wieħed jistenna li jkun fih kuntratt ta' din il-portata fejn tħallsu eluf ta' Ewro li wara kollox huma fondi maħruġa mill-erarju pubbliku. L-intimat ma jistax jippretendi li l-Qorti ser taċċetta t-teżi tiegħu li x-xogħol sar ħażin, meta eżattament x'kien ix-xogħol li kellu jsir, u kemm kellu jdum biex jitlesta, ma jirriżultax mill-kuntratt. Fil-kaz tal-lum jispikka wkoll in-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet kif ukoll in-nuqqas ta' trasparenza dwar fiex intefqu fondi pubbliċi.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad kemm it-talbiet attriċi u kif ukoll it-talbiet rikonvenzjonali.

L-ispejjeż tal-kawża prinċipali jitħallsu mill-attriċi filwaqt illi l-intimat għandu jħallas l-ispejjeż tal-kontro-talba. L-attriċi

għandha tħallas ukoll l-ispejjeż relatati mas-sentenza in parte tas-16 ta' Ottubru 2013.

IMHALLEF

DEP/REG